**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 79**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 12 ta' April 2018 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

******* **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

79.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

79.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Stephen Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7.14 ta' filgħaxija.

**79.2 Talba mis-Socjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu – Mosta**

79.2.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0319/18,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Socjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu – Mosta, dwar applikazzjoni li saret quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru PA00815/18.

Talba mis-Socjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu – Mosta

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li nitolbu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jikkjarifika jekk tali żvilupp hux ser jaffettwa l-funzjoni tal-kamra tan-nar. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet ghal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

**79.3 Talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Kbira**

79.3.1 Ġie nnutat li l-Kunsill ma setax jiddiskuti din l-applikazzjoni peress li kienet skadiet id-data tas-sottomissjonijiet. Dan seħħ peress li din l-applikazzjoni kellha tiġi diskussa f'seduta 78 liema seduta ġiet dikjarata bla 'quorum'.

Talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Kbira

**79.4 Korsijiet tal-kompjuter – *Robotica***

79.4.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0384/18** is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għat-tfal, din is-sena bl-isem 'Robotica' u 'Coding for Kids', għall-prezz ta' €2,000. Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lit-tfal Rabtin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Korsijiet tal-kompjuter – *Robotica*

**79.5 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (April – Ġunju 2018)**

79.5.1 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn April – Gunju 2018 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm.

Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (April – Ġunju 2018)

Is-Sindku ppropona li l-programm jiġi approvat. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**79.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru 42**

78.6.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduta numru 42 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru 42

**79.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 40, 41, 42**

79.7.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduti numri 40, 41 u 42 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru 40, 41, 42

**79.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

79.8.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 279 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**79.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

79.9.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Mejju 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija. Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

79.9.2 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................. ............ ta'.......................... 2018

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |